## F'Għeluq il-375 Sena Tagħha:

# Rilevanza Storika, Politika u Soċjali Fit-Twaqqif tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara F'Malta tas-Seklu Sbatax

Philip Xuereb

Fid-Dawl tar-*Relazione sopra lo stato, dazii ed altre notizie Curiose dell' Isole di Malta*, illum attribwita kważi b' ċertezza lil Dun Filippu Borg,[1] jista' jingħad li t-twaqqif tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara ma kienx biss fatt ekkleżjastiku, imma wkoll, u forsi aktar, att politiku. Kien tentattiv ieħor fil-ġlieda għall-emanċipazzjoni, jekk mhux il-ħelsien, f'dawk iż-żminijiet tas-seklu sbatax, meta l-assolutiżmu kien fl-aqwa tiegħu.

Ħafna minna forsi jaħsbu li r-rieda u l-isforzi tal-Maltin għall-indipendenza kienu biss xi ħaġa tas-seklu li għadda, inkella li ma dehrux qabel it-tieni nofs tas-seklu dsatax. Forsi jitfakkru wkoll l-isforzi ta' Giorgio Mitrovich u Camillo Sceberras. Hemm min imur lura sat-tentativi ta' xi Mannarinu jew xi Vassalli fl-aħħar żmien tal-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Jew inkella għall-qawma kontra l-Franċiżi u l-imblokk ta' sentejn tal-gwarniġġjon imħolli minn Napuljun.

Iżda forsi ftit huma dawk li jiġi f'moħħom li x-xenqa tal-Maltin għall-awto-determinazzjoni, imqar jekk fi ħdan ta' saltna oħra, kienet il-preokkupazzjoni u l-ġlieda kontinwa tagħhom sa mill-medjuevu. Speċjalment kull darba li s-slaten Svevi jew Aragoniżi kienu jagħtu l-gżejjer bħala fewdu, l-Maltin kienu jaraw x'jagħmlu biex gżirithom terġa' tkun inkorporata dirett mas-saltna, ħa jgawdu l-privileġġi li kienu ngħataw maż-żmien, fosthom dak tat-tmexxija interna.

Dix-xenqa baqgħet ukoll fiż-żmien tal-Kavallieri, sa mill-ewwel

---

[1] Wettinger G. – Early Maltese Popular Attitudes to the Government of the Order of Saint John – Meltia Historica, Vol. VI No 3, 1974.


Del Preposito Titolo Terzo. Capitolo Primo.
Delle prerogative del Preposito.
Capitolo Secondo.
Delle riverenze, che si devono al Preposito.
Capitolo Terzo.
Dell'Abito che usa il Preposito.

*Silta mill-Istatuti tal-Kolleġġjata Elenjana*

snin tal-wasla tagħhom, kif jixhed is-sagrifiċċju ta' Ġużeppi (Mattew) Callus, f'idejn ħadd għajr il-Grammastru La Valette, li fih naraw aktarx l-eroj ta' l-Assedju l-Kbir u l-bennej tal-Belt Valletta u ninsew il-bqija. Jerġa', l-qtil tal-Kaptan ta' l-Armi, il-Kavallier Provenzal Fra Pietro de Rovere u r-rewwixta tal-milizzja taż-Żurrieq, fl-istess żmien li kien ġustizzjat Ġużeppi Callus, juri l-polz tal-Maltin kif kien qed iħabbat, tletin sena biss wara l-wasla ta' l-Ordni.

## Inaqqru u Jxejnu d-Drittijiet tal-Maltin

Il-Grammastri kollha ma' l-

elezzjoni, kienu jieħdu l-pussess ta' l-Imdina, il-kapitali antika, ukoll jekk wara l-bini tal-Belt Valletta, ma baqgħetx hekk *de facto* Hemm kienu jaħilfu li jħarsu d-drittijiet u l-privileġġi tal-Maltin. Iżda din kienet biss formalità għax kull Grammastru kien jimxi ta' awtokrata. Il-Grammastru Zondadari (1720-22)[2] biss m'għamilx hekk, għax deherlu li m għandux jaħlef dak li aktarx ma setax jagħmel.

L-Università jew Consiglio Popolare, kif kien jissejjaħ il-gvern tal-Maltin, ma damx ma tilef kull setgħa li kellu u għalkemm dal-kunsill u l-konnestabili (rappreżentanti) ta' l-irħula baqgħu jeżistu, kien isir manuvrar biex jkunu eletti nies li jogħġbu lill-Grammastri. Dawn min-naħa tagħhom, fost ħwejjeġ oħra, bdew ukoll jieħdu flus minn taxxi li bi dritt kienu ta' l-Università, waqt li bdew jimponu tassazzjoni oħra kif u meta jkun jidhrilhom. Ta' min isemmi wkoll l-abbużi tal-Kavallieri Kaptani ta' l-armi li kienu joqogħdu fl-irħula: bħat-tixħim għal eżenzjoni mill-għassa tax-xtut, jew dak li kienu jisolħu għall-manteniment tagħhom infushom mingħand ir-raħlin.

Għalhekk fl-1630, bl-Ordni tal-Kavallieri ilu mitt sena fil-gżira, u kull ma jmur isir iktar awtokrata f'kull livell, ma setgħux ma jħossuhomx injorati u mirfusin. U aktar minn qatt qabel raw titbiegħed minnhom il-possibbiltà li jkollhom rajhom f idejhom, għallanqas b'mod limitat. Biss jidher li kien ukoll dak iż-żmien li bdiet tinħoloq ċerta kuxjenxa ta' identità Maltija, bil-kumpilazzjoni, kitba u eventwalment il-pubblikazzjoni tax-xogħol ta' Ġanfranġisk Abela: Della Descrittione di Malta (1647). Bih kienu ġew stabbiliti il-miti tal-Maltità, biex ngħidulhom hekk, li għadhom iferfru sa fi żmienna.

Fl-imsemmija relazione Dun Filippu jgħid li kien żar lill-Grammastru Luys Mendes de Vasconcellos (Sett 1622-Marzu 1623) u li dan kien qallu li ried irażżan l-abbużi tal-Kaptani tal-Milizzja. Ried ukoll jagħti lura t-taxxa fuq l-inbid lill-Università ta' l-Imdina għax kien iħoss li l-predeċessuri tiegħu kienu żammewha għalihom inġustament. Iżda Vasconcellos ma laħaq għamel xejn qabel ma miet. Mill-banda l-oħra l-Grammastru ta' warajh, de Paule (1623–1636) li fi żmienu nkitbet ir-relazione, ried jibqa' jagħmel kif kienu jagħmlu ta' qablu, għax kien jidhirlu li kien dritt tiegħu bħala Prinċep.

---

[2] Zammit T.' Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja Tagħhom (1934).

**Baqa' Jagħraf l-Oriġini Popolari Tiegħu**

Dun Filippu min-naħa tiegħu nistgħu ngħidu li kien baqa' dejjem konsistenti u ma tbigħedx mill-oriġini popolari tiegħu, mhux biss minn dawn l-okkażjonijiet. Kien atteġġament li wera wkoll qabel, bħal meta fl-1608 irrinunzja li jàċetta l-kariga għolja ta' Dekan tal-Katidral li kien ippropnih għaliha l-Grammastru Alof de Wignacourt, u għat-talba tan-nies tal-parroċċa tiegħu,, baqa' kappillan tagħhom.[3]

L-argumenti, speċjalment mill-istorja medjevali ta' Malta, li jsemmi fir-relazione juru l-interess li kellu fil-kwistjonijiet ta' żmienu mal-Grammastru, kif kien jarahom hu mill-punto di vista tal-poplu, u mhux bħalma kien jarahom xi ħadd bħal Bosio, l-istoriku uffiċjali ta' l-Ordni jew l-istudjuż Ġan Franġisk Abela, msemmi aktar il fuq, li għalkemm illum meqjus bħala missier l-istorjografija Maltija, kien ġej minn familja għolja u kien ukoll imdaħħal fl-Ordni.[4]

It-tabxa li kienet inqalgħet fil-purċissjoni l-kbira ta' San Girgor ta' l-1622, meta kien jokkupa l-kariga ta' Vigarju ta' l-Isqof, tista' tiġi interpretata wkoll bħala skontru bejn l-aristokrazija antika Maltija, rappreżentata fl-Arċidjaknu u l-Ħakem, mal-poplu, mnejn wara kollox kien l-oriġni ta' Dun Filippu Borg. Aktar u aktar għalhekk, kellu jittieħed kemm minn dawn, kif ukoll mill-Ordni, bħala usurpazzjoni ta' l-istatus quo, it-twaqqif ta' Kolleġġjata f'Birkirkara fl-1630.

**Il-Kolleġġjata ta' Birkirkara Kif u Għaliex**

Għalhekk, it-twaqqif ta' kolleġġjata f Birkirkara jista' jitqies bħala *milestone* ewlieni, kemm fiż-żmien, kif ukoll fl-importanza, fit-triq ta' Malta lejn il-kisba ta' l-indipendenza jew tad-drittijiet tal-Maltin. Ma kinitx mogħtija minn min kellu s-setgħa diretta, il-Kavallieri jew ir-Re ta' Spanja[5], iżda mitluba u miksuba minn Maltin stess, forsi permezz ta' żiemel ta' Trojja ieħor, li bħal dak ta' l-epika Omerika, kien ġab ir-riżultat mixtieq, bil-kompliċità jew il-beneplaċtu ta' l-

[3] Vella E.B., Storja ta' Birkirkara pp. 407-408.

[4] Wettinger G. op.cit. p. 264.

[5] Jidher iżda, li sa l-1638, ir-Rejiet ta' Spanja, ma kienx għadhom interessati f dil-gżira għax meta Antonio Sardo ppreżenta memorandum lil Filippu IV f'isem il-Maltin, dwar it-tmexxija ħażina ta' l-Ordni, il-Kunsill Irjali ta Spanja għalaq dan id-dritt ta' appell.



L-ewwel paġni tal-Bolla ta' Urbanu VIII li biha twaqqfet il-Kolleġġjata Kalkariża

allat li dak iż-żmien kienu jgħammru f Ruma, u b'kollox.

Għax li Dun Filippu kien talab għat-twaqqif tal-kolleġġjata f Birkirkara minn wara dahar l-Ordni, ma kinitx xi ħaġa ġdida. Jidher li kien metodu użat mill-istess membri ta' l-Ordni meta kienu jkunu jridu xi ħaġa li l-Grammastru jew il-Gran Kunsill ma kinux disposti li jagħtihom. Jekk kien ikollhom xi parrinu tajjeb f'Ruma, kienu jiksbu li jridu b'ordni dirett mill-Papa.[6] U jista' jkun li Dun Filippu kellu parrinu li ma setax ikun aktar fil-għoli. Ta' min jgħid ukoll li fl-1630 hu kien Pro-Inkwiżitur[7] u allura s-Sant' Uffizzju seta' kien il-mezz li bih bagħat it-talba tiegħu bla ma kienu jafu la l-Grammastru u anqas l-Isqof.

Dun Filippu ried iwaqqaf il-Kolleġġjata f'Birkirkara biex joħloq enklavi ta' immunità li la tintlaħaq mill-Ordni u l-anqas mill-Isqof, għax kien qed jara l-beraq fil-bogħod, aktar ma beda jikber l-assolutiżmu, l-arroganza u l-intransiġenza ta' l-

6 Kif għamel il-Kav. A. Zambeccari li ried jilħaq kuġitur tal-Prijur tal-Lingwa ta' l-Ingilterra – ara: Sciberras K., Roman Baroque Sculpture p.2.

Ordni. Għax dak iż-żmien, anke l-isqfijiet ta' Malta, li minbarra wieħed kienu barranin, kienu jkunu ġejjin mill-Ordni, għalkemm meta jieħdu l-ħatra mbagħad kienu jikkuntrastaw lill-Grammastri.

Dun Filippu ried bħal joħloq *Free City* permezz tal-Papa li fl-aħħar mill-aħħar kien il-Kap Suprem ta' l-Ordni. Għandu mnejn li kien diġà xamm li mar-Renjanti ta' Spanja, li huwa kien irrikonoxxa bl-arma ewlenija fil-faċċata tal-Knisja l-Qadima fl-1617, ma kien jasal li jakkwista xejn. Wara kollox l-Ordni stess jew il-Grammastru, kien jimponi ċerti miżuri fuq il-poplu, bħal tassazzjoni għall-bini ta' fortifikazzjonijiet, permezz tal-Papa.

### Urbanu VIII u l-Ordni

Mill-banda l-oħra jidher li Ordni kellu joqgħod aktar attent mill-istess Papa milli minn xi attakk mit-Torok. Għax Urbanu VIII anqas ma kien jafda lill-Kavallieri. Għalhekk kien waqqaf kongregazzjoni ta' prelati bħala awdituri fuq kulma kellu x'jaqsam u kulma jagħmel l-Ordni. Ried ukoll li l-Inkwiżitur ikun preżenti fil-Kapitlu Ġenerali tagħhom, xi ħaġa li xejn ma kienet tinżlilhom għax kienet turi tnaqqis ta' awtorità, speċjalment tal-Grammastru. Diversi drabi kien kien jagħti kommendi tal-Lingwa ta' l-Italja lil ħbieb jew qraba tiegħu, b detriment għal kavallieri oħra li kellhom dritt aktar għalihom. Kien Urbanu VIII wkoll li ta lill-Grammastru t-titlu ta' Eminenza minflok Altezza Serenissima li l-Ordni kien jidhirlu li l-Kap tiegħu kellu jkollu.

Madankollu kien l-istess Urbanu VIII li bagħat Malta lill-inġinier militari tiegħu Pietro Paolo Floriani, li ppjana l-fortifikazzjonijiet il barra mill-Belt Valletta li fihom imbagħad telgħet il-Furjana. Għalkemm dan il-pjan ma kienx intlaqa' favorevolment minn esperti oħra tas-slaten Ewropej l-ordni kien iddeċieda li jattwah. Kien l-ordni għall-ġbir ta' taxxi ġodda biex isriu dawn il-fortifikazzjonijiet, li fl-1636, qanqal irvellijiet serji li kienu ħassbu lill-Kavallieri. Fil-fatt dawn kienu xeħtu fil-ħabs lill-mexxejja lajċi ta' dawk l-irvellijiet, iżda fuq il-parir ta' l-Inkwiżitur, il-Grammastru qatt ma xela lil dawk il-qassisin li hu kien jemmen li kienu x-xewwiexa ewlenin.

B miżuri li kien ħa Urbanu VIII

---

[7] Deguara A - Proceedings of History Week 1982. Malta, p.86 : The "Malta" Historical Society, 1983 The Reverenda Fabbrica di S. Pietro dell Urbe in Malta

kien intlaqat ukoll l-Isqof li tnaqqaslu d-dritt għal ċerti legati piji. Dawn għall-ewwel kienu bdew imorru fil-fond tal-Fabbrica di San Pietro, u aktar 'il quddiem bdew jingħataw lis-Sant' Ufficcju jew Imkwiżizzjoni.



**Il-Grammastru, l-Isqof u r-Reverenda Fabbrica di S. Pietro[8]**

Dik il-ħabta ir-relazzjonijiet bejn dawn il-kapijiet tal-knisja u ta' l-istat f'Malta xejn ma kienu tajbin, u kienu sikwit jiksru d-drittijiet u l-privileġġi ta' xulxin, u kull darba kienu jappellaw Ruma u jugżaw wieħed lill-ieħor fuq dak li kienu jkunu għamlu. Kien għalhekk li Ruma riedet twaqqaf f Malta t-Tribunal tar-Reverenda Fabbrica di San Pietro. Il-Grammastru De Paule kien favur it-twaqqif ta' dan it-Tribunal, għax permezz tiegħu ried inaqqas il-ġurisdizzjon ta' l-Isqof.

Lill-Isqof Fra Baldassare Cagliares, l-uniku Malti kemm damet hawn l-Ordni għall-istess raġuni, xejn ma kien jogħġbu dat-Tribunal il-ġdid, għax b hekk ma setax jibqa' jipproteġi lill-familiares (dipendenti) tiegħu. Allura meta sar jaf bit-twaqqif ta' l-imsemmi Tribunal, oppona bil-qawwa kollha kemm lill-Grammastru kif ukoll lill-Inkwiżitur, mhux biss għat-Tribunal innfisu iżda wkoll għall-persuna tan-Naxxari Dr. Dun Niccolò Mangione, li s-Santa Sede kienet ħatret biex

[8] It-tagħrif fuq ir-Rev. Fabbrica di S. PIetro hu bbażat fuq: Aloysius Deguara -Proceedings of History Week 1982. ©Malta : The Malta Historical Society, 1983(69-88) The Reverenda Fabbrica di S. Pietro dell Urbe in Malta.

iwaqqaf u jmexxi dan it-Tribunal f Settembru tal-1626.

Dun Mangione għall-ewwel m accettax, kemm għal raġunijiet familjari li sadattant kienu nqalgħulu, kif ukoll minħabba diffikultajiet li kien qed jipprevedi li setgħu jinqalgħu b din l-inizjattiva ġdida fi stat tant imbiegħed mis-Santa Sede. Imma l-Grammastru kien diġà aċċetta bi pjaċir il-ħatra ta' Dun Mangione. De Paule esprima wkoll it-tama li ħafna legati piji minsijin jew moħbijin minn werrieta kapriċċużi, issa jitwettqu u li titnaqqas it-tensjoni bejn il-kapijiet tal-gżira. L-Inkwiżitur Mons. Niccolò Herrera wkoll wera li kellu pjàir b Mangione u li kien ħassu onorat li se jkun jaħdem miegħu.

It-Tribunal tar-Rev. Fabbrica di San Pietro f Malta eventwalment twaqqaf fl-1627 u ppubblika l-ewwel editt f Marzu ta' l-1628 u qanqal ħafna protesti u reazzjonijiet. Il-kappillani rnexxielhom jipperswadu lill-istess Grammastru, li sadattant kien għadu kuntent bit-twaqqif tat-Tribunal, biex jipprotesta f isimhom mas-Sacra Congregazione. Ir-relazzjonijiet bejn Dun Mangione u Cagliares komplew tgħarrqu, hekk li fil-korrispondenza tiegħu mas-Sagra Kongregazzjoni, xlieh li ried jipprova joħloq mod ta' ħajja għalih innifsu f'Malta, eżenti mill-ġurisdizzjon ta' l-Isqof. Mangion min-naħa tiegħu, fil-korrispondenza lill-istess Kongregazzjoni kien sikwit juri l-biża' tiegħu li xi darba jerġa' jiġi taħt il-ġurisdizzjon ta' l-Isqof ta' Malta.

Protesta qawwija oħra kontra Dun Mangione saret mill-Vigarju Ġenerali (Dun Filippu Borg ?) għaliex kien ħareġ att ta' inibizzjoni li bih, lilu u lill-uffiċjali kollha tal-Kurja, ma ħallihomx jindaħlu fi ħwejjeġ li kienu jolqtu lir-Rev. Fabbrica. Il-Vigarju tant webbes rasu li anqas ried jara l-ittri patenti ta' Mangione meta ppreżentahomlu, kif kien mitlub jagħmel bħala Kummissarju. U fuq rakkomandazzjoni ta' l-Inkwiżitur, Mangione kellu jieħu miegħu żewġ xhieda meta reġa' mar jippreżenta d-dokumenti lill-Vigarju. L-Inkwiżitur kien ordna wkoll lin-nutar tar-Rev. Fabbrica biex jikteb dikjarazzjoni ta' dan fil-*Actuum Civilium Liber* u mbagħad jibgħat ir-rapport Ruma.

Il-Fabbrica di S. Pietro kellha tħabbat wiċċha ma' diffikultà oħra fil-bidu. In-Nutar ta' l-Isqof Andrea Allegritto u n-Nutar Ferdinandu Zarb kienu għamlu minn kollox biex in-Nutara tal-gżira jissieħbu fi protesta kontra d-digriet tal-Kummissarju Mangione u jitolbu ħlas għax-xogħol li jkunu għamlu konness mal-Fabbrica. Mangione seta' jara f dan manuvra oħra tal-

Kurja Maltija, u għalhekk kiteb Ruma f'dar-rigward. Ta' min jgħid ukoll li inċidentalment, in-Nutar Ferdinandu Zarb kien l-istess wieħed li kien tqabbad minn Dun Filippu Borg biex jagħmel l-att ta' l-ipoteka u ta' l-ewwel pussess tal-Kolleġġjata Elenjana.

Ħaġa oħra li toħroġ mill-korrispondenza bejn il-Kummissarju Malti u s-Sacra Congregazione u li ta' min isemmi hawn huwa t-tfixkil li sab ma' wiċċu Mangione u anke t-theddid. Fost oħrajn kien hemm għajdut li uffiċjali tal-Kurja kienu lesti li jitfgħuh il-ħabs. Minħabba f'hekk Mangione kien talab lill-Kongregazzjoni biex qatt ma jitneħħa minn Kummissarju tal-Fabbrica u jerġa' jiġi suġġett għall-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof, li skond l-istess Mangione, kien jipproċedi kontrih u jitfgħu bla ebda ħniena fil-ħabs tal-palazz tiegħu sa ma jmut.

**Kwistjoni ta' Ġurisdizzjoni**

Tidher li kienet sewwa sew il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni li l-aktar li laqtet, mhux biss lill-Isqof, iżda wkoll lill-Grammastru. Dan meta eventwalment fl-1635 ipprotesta kontra t-twaqqif tal-Kolleġġjata f'Birkirkara, kiteb lill-Ambaxxatur tiegħu f'Ruma u qallu biex jispjega: *lil dawk il-Padruni t'hemmhekk, li fuq dan l-iskoll ċkejken, it-tribunali qed jiżdiedu tant li bħalissa hawn sitta li tgħidx kemm qed joħolqu konfużjoni.* Fil-fatt kien hemm it-tribunal ta' l-istess Grammastru, ta' l-Università (il-gvern antik tal-Maltin li l-Kavallieri rrendewh bla saħħa), ta' l-Isqof, ta' l-Inkwiżitur li kien aktarx ikun ukoll id-Delegat Apostoliku, it-Tribunal tar-Rev. Fabbrica u aktar il quddiem, kieku rnexxielu jseħħ, dak tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara.

F dan id-dawl ukoll jidher li l-oppożizzjoni li kellu jkun hemm għall-kolleġġjata f'Birkirkara, kemm min-naħa tal-Grammastru, kif ukoll min-naħa ta' l-Isqof, ma kinitx motivata sempliċement fuq kwistjonijiet ta' preċedenza jew ilbies jew ċerimonji, kif ħafna drabi kienet komunement ippreżentata, għalkemm dak iż-żmien dawn ma kinux affarijiet li kienu jitħallew għaddejjin. L-oppożizzjoni kienet motivata l-aktar minn kwistjoni ta' ġurisdizzjon, ta' setgħa, ta' ħakma, ta' kmand. U l-kolleġġjata kienet sa toħloq enklavi ħieles f'ħafna aspetti mill-ħakma tal-wieħed u ta' l-ieħor.

L-Isqof Cagliares min-naħa tiegħu kiteb hekk lill-Kongregazzjoni, naturalment fil-każ tal-Fabbrica: F'dil-gżira hawn biss 60,000 ruħ, li minnhom m hemmx mija li għandhom dħul fiss; l-oħrajn kollha jiddependu mis-servizzi li jagħtu lil

xulxin u l-biċċa l-kbira jgħixu biss billi jittallbu. Jgħid li fit-tmien viżti pastorali li kien għamel, kien sab li l-legati piji jitwettqu kif għandu jkun. Iżda li l-Maltin jippruvaw jgħixu b'ċerta dinjità (aqra jidhru li huma sinjuri meta fil-fatt ma jkunux), u jagħmlu testmenti interessanti, mingħajr ma jkollhom kapital jew propjetà immobbli kemm meħtieġ. Għalhekk, kompla Cagliares, ma setax iwettaq legati bħal dawk.

Jidher li fil-każ tat-Tribunal tal-Fabbrica, li t-twaqqif tiegħu kien motivat propju minħabba d-diverġenzi li kien hemm bejn l-Isqof u l-Grammastru, u li kien dan ta' l-aħħar li jekk ma nsistiex, kien favur it-twaqqif tiegħu, fl-aħħar mill-aħħar ġab lil dawn it-tnejn flimkien kontrih. Dan għax skond Mangione, Cagliares irnexxielu jdawwar il-fehma ta' De Paule kontra l-operat tat-Tribunal f Malta, għaliex la l-Isqof u l-anqas il-Grammastru ma kienu jridu li f Malta jkun hemm xi ħadd li ma jkunx taħt il-ġurisdizzjon tagħhom.

Barra mill-Isqof, is-sinjuri, għalkemm mhux xi numru kbir, kienu midħla sew tal-Grammastru, u billi kienu dawk imfittxijin mir-Rev. Fabbrica, irnexxielhom jinfluwenzaw lill-Grammastru bil-kbir. L-istess xi kavallieri għolja ta' l-Ordni, li xejn ma ħadu pjaċir meta kienu msejħin minn dan it-Tribunal. Għalhekk huma wkoll ħadu l-opportunità biex iġiegħlu lill-Grammastru De Paule jibdel fehemtu dwar it-Tribunal u l-Kummissarju Mangione, speċjalment wara inċident li kien ġara f'Awissu tal-1630, f'każ li kien implikat il-Prokuratur Fiskali tar-Rev. Fabbrica u li b konnessjoni miegħu Mangione kien akkużat b disprezz tal-qorti sekulari. Il-Grammastru għalhekk talab lis-Sacra Congregazione biex tneħħi lil Dun Mangione mill-kariga u qal ukoll li l-Kummissarju kien żied in-numru ta' uffiċjali tat-Tribunal aktar milli kien hemm bżonn, u b'hekk ħafna vassalli (sudditi) ġew eżentati mis-servizz militari, ħaġa li ħolqot diffikultajiet għad-difiża tal-gżira.

Dik il-ħabta Dun Filippu Borg kien Pro-Inkwiżitur u m azzardax jieħu dan il-każ f idejh. Għalhekk, Grammastru, Isqof u Kummissarju tal-Fabrica ma segħux għajr jikkorrespondu ma' Ruma. Il-każ kien issolva wara li Mangione u l-Prokuratur Fiskali tiegħu ppreżentaw apoloġija lill-Grammastru. Minn dan wieħed jara kemm dak iż-żmien il-kbarat kienu joqogħdu attenti li mhux biss ħadd ma jidħlilhom fl-għalqa, imma aktar u aktar kemm ma kinux iħallu li xi ħadd jgħidilhom li l-għalqa jew parti minnha m għadhiex tagħhom.

Wieħed jinnota li kienet is-sena 1630, is-sena li fiha, fil-5 ta' Diċembru, l-Papa Urbanu VIII ta l-Bolla: Sacri Apostolatus Ministerio, biex titwaqqaf il-Kolleġġjata f'Birkirkara. Qrib il-bidu tagħha nsibu: M'ilux, inġabet quddiemi talba mingħand il-maħbub tagħna Filippu Borg, kappillan tal-knisja parrokkjali ta' Birkirkara. Għalkemm ma jidhirx li min għamel riċerki s'issa rnexxielu jsib it-talba oriġinali ta' Dun Filippu, il-frażi użata fil-Bolla: *M'ilux* iġġiegħel lil min jaħseb li t-talba kienet saret matul dik is-sena stess u mhux wisq qabel dak ix-xahar ta' Diċembru.

**Eżenzjonijiet maħsubin għall-Kolleġġjata ta' Birkirkara**

Fl-imsemmija Bolla kienu għall-bidu ngħataw eżenzjonijiet lil:

*din il-knisja magħmula kolleġġjata lill-Prepostu tagħha, lill-kanonċi, lill-ministri, lill-qaddejja, bil-prepositura, kanonikati, prependi u uffiċċji; bil-ġid kollu tagħhom u ħwejjiġhom kollha, raba' u bini u dawk li ma humiex, kif ukoll dawk li huma ta' l-imsemmija fabrika u sagristija iżda mhux l-uffiċċju tal-vigarju u min ikun fih fiż-żmien li jkun u anqas ħwejġu...*[9]

Ekkleżjastikament, l-eżenzjonijiet mogħtija kienu minn kull:

*ġurisdizzjon, superjorità, żjara, twiddib, ħakma u setgħa ta' l-Arċisqof ta' Palermu, li hu Metropolitan,*[10] *u ta' l-Isqof ta' Malta, kif ukoll tal-Vigarju li jsir mill-kapitlu u l-kanonċi tal-Knisja ta' Malta meta s-Sede ta' l-Isqof tkun battala, u ta' kull Isqfijiet u l-Vigarji Ġenerali tagħhom li għad ikun hemm, u minn kull ġbir, dmir u wiegħda u piż ta' żjara ġenerali tal-veskovat ta' Malta – IŻDA mhux f'dawk il-ħwejjeġ li fihom il-Metropolitani u l-Isqfijiet, skond il-liġijiet ta' l-Imqaddes Konċilju ta' Trentu, jimxu bħala Delegati tas-Sede Apostolika anki kontra dawk li huma eżenti.*[11]

Barra minn hekk, jew aħjar minħabba f'hekk, li dawk kollha u dak kollu msemmi ftit aktar 'il fuq, Urbanu VIII ordna lill-Inkwiżitur, bħala esekutur tal-Bolla:

Qiegħdhom dritt taħt is-setgħa Tagħna u tal-Papa li Jkun, u ta' l-imsemmija Sede Appostolika,

[9] Vella E. B. Storja ta' Birkirkara... (1934) p.114

[10] Malta dak iż-żmien kienet tagħmel parti mill-Arċidjoċesi ta' Sqallija għal-hekk l-Arċisqof ta' Palermo kien il-Metropolitan.

[11] Vella E.B. op.cit. p.114.

u ilqagħhom taħt il-protezzjoni ta' San Pietru u ta' l-istess Sede Appostolika.[12]

Mil-lat ċivili jew sekulari, billi l-Papa kien wara kollox il-kap suprem ta' l-Ordni li kien jaħkem f'Malta, bħala ordni reliġjuż, għalkemm ukoll militari u ospedalier, il-bolla ssemmi dan li ġej:

Lill-istess knisja kolleġġjata u lill-prepostu, kanonċi u ministri tagħha agħtihom is-setgħa li jgawdu kollha kemm huma l-privileġġi, libertà, immunitajiet, eżenzjonijiet, preminenzi, prerogattivi, preferenzi, konċessjonijiet, favuri, setgħat, indulti u l-grazzi kollha spiritwali u temporali bħalma għandhom u jgawdu l-imsemmi Sptar[13] u l-fratelli u l-kappillani konventwali.

## L-Isqof u l-Grammastru ma Jċedux

Ma kienx ta' b'xejn li dawk l-ogħla żewġ mexxejja fil-gżira, kienu libtu għat-twaqqif tal-kolleġġjata f'Birkirkara, u bdew jitħabtu f'Ruma, sewwasew minħabba l-eżenżjoni mill-ġurisdizzjon tagħhom li l-Bolla ta' Urbanu VIII kienet tagħtiha. Il-Grammastru De Paule kiteb lill-ambaxxatur tiegħu li kien ittieħed il-pussess tal-kolleġġjata u li jekk l-Isqof u l-kapitlu tal-Katidral kienu se jħallu lil dal-kapitlu l-ġdid jieħu d-drittijiet ta' eżenzjoni mill-ġurisdizzjon, kien se jieħu għalih bil-kbir.

Ftit jiem wara kien kiteb ukoll li l-pussess kien ingħata b'mod sigriet, u li 'l għada, Dun Filippu deher ma' sitt kanonċi lebsin bil-kappamanja, u bi preżunzjoni kbira (kliem il-Grammastru) waqqaf tribunal u neħħa l-parroċċa, mingħajr ma għarraf lilu, lill-Isqof u lill-Inkwiżitur (skond ma qal hu). U kompla:

Inħossuna ferm iddisgustati b'din in-novità - li twettqet quddiem wiċċna meta l-anqas li konna nistennewha. Jekk inti hemmhekk u l-aġent tagħna Rosa ma ssibux mezz biex nitħallsu minn din it-tustaġni, se nibgħu nħossuna l-ħin kollu offiżi minn dan ix-xiħ ambizzjuz, li jirnexxilu jgħaddi tiegħu kontra l-awtorità tagħna...[14]

Imbagħad De Paule kompla b' ħafna tgħajjir kontra l-lokalità u l-knisja fejn twaqqfet il-kolleġġjata u r-renti tal-kanonikati, u jiskanta kif dawn ingħataw tant privileġġi ta' ilbies u eżenzjonijiet li jkunu perikolużi anke f'belt kbira. Kien

[12] Ib. id.

[13] Kif kien magħruf ukoll l-Ordni ta' San Ġwann bħala ordni ospedalier.

[14] Wettinger G. op.cit., pp262, 263.

hawn ukoll li pprotesta kontra l-proliferazzjoni tat-tribunali fi gżira żgħira bħal Malta. Meta dan il-Grammastru miet f'Ġunju tal-1636, fil-ġlieda kontra l-kolleġġjata ta' Birkirkara daħal ukoll il-Ġrammastru li laħaq ġdid Ġanpawl Lascaris Castellar.

Anqas l-Isqof Cagliares ma qagħad għaliha li kien se jkollu roqgħa oħra li ma jkollux ħakma fuqha, kif diġà ma kellux fuq kulma kellu x'jaqsam ma' l-Ordni. Iżda miet f'Awissu ta' l-1633, u fl-aħħar sentejn kien marad, żammlu lsienu u beda jitlef il-fakultajiet mentali. Minfloku tħabtu l-Vigarju tiegħu Fra Salvatore Imbroll u l-Vigarju Kapitulari Pierfranġisk Pontremoli li laħaq fis-*sede vacante*. Imbagħad kompla l-isqof il-ġdid Mikiel Balaguer Camarasa.

Minkejja li Dun Filippu Borg, bħala Prepostu u l-kanonċi kienu ħadu l-pussess f'Mejju tal-1635, il-kawżi kienu baqħgu jġebbdu sa nofs l-1638 u kienu swew lill-fundatur aktar minn 4000 skud.[15] Madankollu b'deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru 1637, ta' kawża li kienet saret f' Ruma mill-Grammastru u l-Isqof, kienet intilfet l-eżenzjoni mill-ġurisdizzjon tagħhom.[16]

Minkejja dan u tibdil ieħor li seħħ minn dak iż-żmien sal-lum, fiż-żmien li sirna aktar konxji u li bdejna nagħtu każ tal-wirt kulturali tagħna, ikun ta' liema sura jkun. M'għandniex inkunu ikonoklasti bħal min ħarbex biż-żebgħa t-tempji megalitiċi jew barbari bħal min ħarbat l-Imnajdra. F'pajjiżna għall-grazzja t'Alla, ma nħattewx is-swar għax ma baqgħux meħtieġa għad-difiża, anzi sibna fihom investiment għal industrija li tant niddependu minnha. U fiż-żmien li l-vilel qed ifaqqsu iżjed mill-faqqiegħ, qed ngħożżu wkoll il-giren.

Fil-każ tal-Kolleġġjata Elenjana wkoll għandna nimxu bħalma mxejna mal-Caravaggio u l-Ipoġew. Ir-riabilitazzjoni m'għandhiex issir biss ma' oġġett fiżiku, iżda wkoll ma' istituzzjonijiet, speċjalment dawk li fil-ġeneru tagħhom, huma monument sa mill-bidu tagħhom, u mhux sempliċement għax għadda ż-żmien minn fuqhom. Għaliex il-Kolleġġjata Elenjana ta' Birkirkara u l-Prepositura tagħha huma monument ieħor tax-xewqa u l-istinkar tal-Maltin għall-kisba tal-ħelsien mill-ħakma tal-barrani, imqar jekk b'mod parzjali u relattiv.

Għax il-ġrajja tat-twaqqif tal-

[15] Vella E.B., op.cit., p. 140.

[16] Ib.id.' p. 121

kolleġġjata, għal żmienha, kienet ta' importanza akbar mill-hekk imsejjaħ Irvell tal-Qassisin ta' seklu u nofs wara. Kien ta' l-istess kalibru tista' tgħid tal-qawmien kontra l-Franċiżi u tas-Sette Giugno. Għalhekk meta maż-żmien, fil-pajjiż, u mhux f'pajjiżna biss, kibret ix-xewqa għall-awto-determinazzjoni, pass pass mal-kuxjenza ta' l-etos nazzjonali, bdejna nagħmlu monumenti li jfakkru fi ġrajjiet u kisbiet ta' l-imgħoddi u li fuqhom fhimna u għadna nifhmu li nsejsu l-preżent u l-futur. Il-Kolleġġjata Elenjana ta' Birkirkara mhix xi monument li sar wara fiż-żmien. Iżda monument li għadu u jinħtieġ, għall-istess raġunijiet, li jibqa' ħaj.